malta
biennale
.art 2026

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
VALLETTA, Malta, 26 ta' Marzu, 2025

## It-tieni edizzjoni tal-Malta Biennale

## JITĦABBAR IT-TITLU TAL-BIENNALE U JINFETĦU S-SEJĦIET PUBBLIĊI

TNADDAF | TGĦARRAF | TFERRAQ – huwa t-titlu uffiċjali tat-tieni edizzjoni tal-Malta Biennale, li se tittella' f'siti storiċi varji f'Malta u Għawdex mill-11 ta' Marzu sad-29 ta' Mejju 2026, b'kuratriċi internazzjonali, Rosa Martínez, bħala Direttur Artistiku.

Organizzat minn Heritage Malta, it-tema u l-qafas kuratorjali tal-Malta Biennale 2026 tħabbru waqt konferenza stampa fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, fil-Belt Valletta. B'din il-konferenza beda l-countdown uffiċjali għat-tieni edizzjoni tal-wirja internazzjonali tant mistennija. Waqt il-konferenza tħabbru wkoll tliet sejħiet pubbliċi: waħda għall-artisti li fiha ġew mistiedna jressqu proposti għal proġetti u wirjiet; waħda għall-ambaxxati, biex jorganizzaw padiljuni nazzjonali; kif ukoll sejħa ġdida, għal proġetti satellita.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici, qal li l-Biennale ta' Malta wera li pajjiżna jista' jkun ċentru kulturali internazzjonali, fejn l-arti kontemporanja tiddjaloga mal-passat storiku tagħna.

"Is-suċċess tiegħu, b'rikonoxximent mill-UNESCO u interess qawwi minn pajjiżi barranin, juri l-potenzjal ta' Malta fil-qasam kulturali. Dan l-avveniment mhux biss jagħti spazju lill-artisti, imma wkoll joffri esperjenza unika lill-Maltin u lill-viżitaturi, grazzi għal kull min ta sehmu. Dan hu biss il-bidu ta' storja ta' suċċess," temm jgħid il-Ministru Bonnici.

malta
biennale
.art 2026

Mario Cutajar, il-President tal-Malta Biennale, qal li t-tieni edizzjoni ta' dil-wirja internazzjonali tal-arti kontemporanja se tibqa' tibni fuq il-kunċetti li beda bihom fl-2024. Il-qofol tal-Biennale jibqa' dak li permezz tal-arti kontemporanja li tiddiskuti madwarna llum, nifhmu lbieraħ tagħna ħalli nagħrfu lilna nfusna iktar. Għalhekk, il-Malta Biennale huwa s-sinsla tal-viżjoni li qed taħdem għaliha Heritage Malta, li tieħu ħsieb il-patrimonju Malti. Fl-istess ħin, permezz tal-Biennale Malti, nifirxu iktar l-opportunitajiet għall-artisti Maltin, inkomplu b'dak li kiseb għall-pajjiż l-ewwel Biennale meta qiegħed minn kmieni lil Malta fil-kalendarju dinji tal-arti kontemporanja, u ma' dan kollu nuru iktar il-patrimonju tagħna u dak li jagħmilna Maltin u Mediterranji. Din it-tieni edizzjoni, temm Mario Cutajar, taspira li ssaħħaħ iktar dil-wirjal internazzjonali billi tkompli tibni fuq is-suċċess tal-ewwel edizzjoni u tħares 'il quddiem b'ottimiżmu għal edizzjonijiet futuri.

Waqt il-konferenza, Rosa Martínez tkellmet fuq il-proġetti kuratorjali li ħadmet fuqhom f'Malta fl-2018 u fl-2022 u kif dawn il-proġetti "qajmu fija interess permanenti fl-iżvilupp kulturali tal-gżira. Issa nħoss il-ħtieġa li noffri kemm l-esperjenza li għandi fil-qasam tal-arti u kemm il-viżjoni għal dan il-Biennale li għadu f'żgħożitu."

Rosa Martínez għandha għarfien estensiv fil-qasam tal-arti kontemporanja, li kisbet tul is-snin bħala kuratriċi ta' biennali internazzjonali u wirjiet tematiċi. Għall-Biennale ta' Malta, se tkun megħjuna minn tim kuratorjali magħmul minn Antoine Borg Micallef u Alexia Medici. Waqt il- konferenza hija spjegat kif il-qafas kuratorjali u t-titlu għat-tieni edizzjoni tal-Biennale ntgħażlu bir-reqqa:

- **TNADDAF:** Waqqaf it-tniġġis ambjentali, etiku u estetiku. Issaffa, iddiġerixxi s-sustanza u rreġetta l-ħażin.
- **TGĦARRAF:** Iddistingwi, iddeċifra, iddawwal, ifhem.
- **TFERRAQ:** Ibdel ir-rotta, ibdel id-direzzjoni radikalment, iftaħ mogħdijiet ġodda.

malta
biennale
.art 2026

"Il-Biennale jistaqsi kif l-arti kontemporanja tista' tkattar għarfien kritiku kemm tal-passat u kemm tal-preżent, filwaqt li tnissel fina t-tama li tqarribna lejn is-sbuħija. Il-Biennale jixħet dawl fuq uħud mill-aktar bżonnijiet urġenti ta' żmienna, permezz ta' djalogi ġodda bejn l-arti kontemporanja u l-patrimonju storiku tal-Gżejjer Maltin," qalet Rosa Martínez.

*Is-sejħa għall-artisti tkun miftuħa mil-lum, 26 ta' Marzu, sat-30 ta' Ġunju; dik tal-padiljuni mil-lum sad-29 ta' Awwissu; u dik tal-proġetti satellita mil-lum sal-25 ta' Lulju. Dawn is-sejħiet huma disponibbli fuq il-website tal-Biennale: www.maltabiennale.art*

*Il-Malta Biennale jiġi organizzat minn Heritage Malta, bi sħubija mal-Kunsill Malti għall-Arti u b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għall-Affarijiet Barranin, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ma' VisitMalta.*

---

**Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Lisa Gwen Chetcuti fuq: communications@maltabiennale.art**

**maltabiennale.art qiegħed online:**
**Website uffiċjali: www.maltabiennale.art**
**Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art**

***NB lill-edituri: Isem Rosa Martínez għandu jinkiteb sħiħ – isem u kunjom. Grazzi.**